MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2014

Numru. 172/2003

**Il-Pulizija**

**(Spettur Norbert Ciappara)**

**vs**

**Anthony Borg**

**Illum, 19 ta' Settembru 2014**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Anthony Borg ta' 46 sena, imwieled Floriana fit-18 ta' Jannar 1963, iben John u Loreta xebba Gauci, residenti Blk B, Flat 5, Binja tal-Gvern, Zebbug, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 178263(M):

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, fis-16 ta' April 1999 u fl-erba' xhur ta' qabel din id-data:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Talli fl-istess data, zmien, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-

kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga instabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu;

U aktar talli fis-17 ta’ Frar 2002 u matul l-ahhar erba’ snin ta’ qabel din id-data:

c) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta’ persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tat-28 ta’ Ottubru 2013, il-partijiet ezentaw lill-Qorti kif presjeduta milli terga’ tisma l-provi li kienu migjuba quddiem il-Qorti, kif diversament presjeduta, sa dakinhar;

Semghet trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**:

**Kunsiderazzjonijiet Dwar Htija**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti:

1. Wara nformazzjoni li dahlet lill-pulizija fis-16 ta’ April 1999, membri mill-Iskwadra kontra d-Droga marru fir-residenza tal-imputat ghall-habta tas-6.00 p.m., meta dak il-hin, huwa kien qieghed fuq il-bejt tal-blokk tal-appartamenti fejn kien jirrisjedi, flimkien ma’ zewg persuni ohrajn u cioe` Mario Borg u Josmar Borg;

2. Minn tfittxija li saret fuq l-istess bejt u fir-residenza tal-imputat ma nstabitx droga, izda fuq il-bejt ta’ bini adjacenti mal-blokka ta’ appartamenti li fiha kien jirrisjedi l-imputat, instabet kapsula tal-*plastic* b’numru ta’ qratas tal-karti bi trab kannella suspettat eroina u bicca *foil* li kien fiha borza tal-*plastic* zghira trasparenti li kien fiha trab kannella, ukoll suspettat eroina. [1] Skond ir-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud, irrizulta illi fil-fatt kien hemm 27 qartas bl-eroina, apparti l-borza li wkoll kien fiha l-eroina u li dan it-trab kannella kellu piz nett totali ta’ 1.98 grammi. Ezamijiet ghall-presenza ta’ *mechanical fit* bejn il-qratas tal-karti msemmija u xi karti elevati mir-residenza tal-imputat irrizultaw fin-negattiv[2];

3. Sussegwentement fis-17 ta’ Frar 2002, saret sorveljanza minn membri tal-Iskwadra kontra d-Droga fuq ir-residenza tal-imputat, fejn xi l-11.00 a.m., huma osservaw zghazugh – certu Charlo Sammut - hiereg mill-blokk ta’ appartamenti b’karta tal-ghaxar Liri Maltin f’idejh. Wara l-investigazzjoni li saret mill-Assistent Kummissarju Neil Harrison, dak iz-zmien Spettur, dwar il-kaz, huwa ghadda l-informazzjoni kollha lill-Ispettur Norbert Ciappara (illum Assistent Kummissarju) sabiex jutilizza

[1] Xhieda tal-Ispettur Mario Cuschieri (a fol. 50 *et seq* tal-process); xhieda ta’ PS 579 Antoine Micallef (a fol. 57 *et seq* tal-process); xhieda ta’ PS 1086 Johann Micallef (a fol. 59 *et seq* tal-process).

[2] Ir-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud tinsab esebita a fol. 16 *et seq* tal-process verbal li jinsab esebit a fol. 40 tal-process.

din l-istess informazzjoni fl-investigazzjoni tieghu u jressaq lill-imputat b'kaz wiehed.[3]

L-ezercizzju li ghandha u li sejra twettaq din il-Qorti huwa illi tanalizza jekk l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat gewx pruvati mill-prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, kif trid il-ligi. Ghaldaqstant, il-Qorti ser tifli l-provi mressqa fir-rigward ta' kull imputazzjoni.

a) *Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga erojina fis-16 ta' April 1999 u fl-erba' xhur ta' qabel*

Illi kif inghad izjed il'fuq, meta l-pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga marret fir-residenza tal-imputat, wara nformazzjoni li kienet kisbet, l-imputat instab fuq il-bejt tal-blokk tal-appartamenti fejn kien jirrisjedi, flimkien ma' zewg persuni ohrajn u cioe` Josmar Borg u Mario Borg. Skond **l-Ispettur Mario Cuschieri**, hekk kif marru fuq il-post, ghall-habta tas-6.00 p.m. u telghu fuq il-bejt, huma sabu l-bieb li jaghti ghall-bejt maghluq, habbtu fuq il-bieb u ftit tal-hin wara, fethilhom certu Mario Borg.[4] Minn tfittxija li saret fil-gallinar tal-hamiem li kien hemm fuq il-bejt ma nstab xejn, izda minn tfittxija li saret fuq kamra ta' post adjacenti mal-bejt[5], instabet bajda tal-*Kinder* li kien fiha qratas tal-karti u borza zghira tal-*plastic* bi trab kannella. Mir-residenza tal-imputat gew elevati diversi karti.[6] Din ix-xhieda giet ikkonfermata minn **PS 579 Antoine Micallef** li zied jghid li hekk kif kienu ser jitilqu minn fuq il-post, mar ihabbat certu Anthony Abela b'Lm5 f'idu u qal illi kien mar biex ikellem lill-imputat. Dan gie arrestat ukoll.[7] **PS 1086 Johann Micallef**, li wkoll kien prezenti ghat-tfittxija fir-residenza tal-imputat, xehed illi x'hin waslu fuq il-post, huma nnutaw lill-istess imputat jittawwal minn fuq il-bejt, baqghu telghin fuq il-bejt u

[3] Xhieda tal-Assistent Kummissarju Neil Harrison, a fol. 103 *et seq* tal-process.
[4] A fol. 50 tal-process.
[5] Fix-xhieda tieghu, PS 579 Antoine Micallef jiddeskrivi l-post fejn instabet id-droga bhala "*il-bejt ta' hdejn il-bejt tieghu* [tal-imputat] *ezatt li kien naqra elevat 'il fuq*" (a fol. 57 tal-process).
[6] A fol. 51 tal-process.
[7] A fol. 57 *et seq* tal-process.

sabu l-bieb tal-bejt imsakkar. Mill-bqija huwa wkoll ikkonferma x-xhieda moghtija mill-Ispettur Mario Cuschieri u PS 579 Antoine Micallef.[8]

**L-imputat** irrilaxxja stqarrija fit-18 ta' April 1999, liema stqarrija huwa ghazel li ma jiffirmahiex.[9] Huwa nnega li l-oggetti misjuba fuq il-bejt tal-fond li kien qed jinbena hdejn il-bejt tieghu, kienu tieghu. Qal illi huwa u Mario kienu ltaqghu xi t-tmienja jew id-disgha ta' filghodu sabiex jiksu l-gallinar. Wara s-sitta marru l-Pulizija, ghamlu tfittxija fuq il-persuni taghhom, gewwa l-gallinari u fuq il-bejt, izda ma nstab xejn. Qal illi l-bejt li kien fuqu huwa maqsum bejn tlieta li joqoghdu fl-istess appartamenti. Innega li kien tefa jew heba l-oggetti misjuba fuq il-bejt tal-fond adjacenti u qal li qatt ma rahom jew messhom qabel. Ma kienx jaf ta' min huma, u ma kienx jaf kinux ta' Mario jew ta' Josmar. Qal li Mario jahdem bhala mastrudaxxa u kien talbu biex jghinu fil-gallinar, mentri lil Josmar kien ilu jafu xi xahar, gieli kera xi *videos* minghandu ghax ghandu hanut il-Fgura u gieli partu xi klieb mal-*videos.* Mistoqsi ghalfejn kienu damu biex fethu lill-pulizija, huwa qal li kien qed jirranga l-ghodda fil-bank u meta habtu l-pulizija, Mario mar jifthilhom. Kien dak il-hin li huwa nduna li kienu gew il-pulizija. Qal li lil Anthony Abela minn Hal Qormi ma kienx jafu u lanqas ma kien jaf lil xi hadd minn Hal Qormi li kellu jaghtih hames Liri. Qal illi la kien juza u lanqas ibiegh droga.

Fix-xhieda tieghu, **Antoine Abela** jghid illi fil-jum in kwistjoni, huwa kien mar ghand l-imputat ghaliex kellu jaghtih xi haga tal-flus, wara li l-istess imputat kien sellfu xi Lm5. Abela ammetta li dak iz-zmien kellu l-vizzju tad-droga, izda qal li ma kienx jiftakar minghand min kien jixtri d-droga dak iz-zmien u lanqas mil-liema lokalita`. Il-Qorti ma tantx ghandha wisq xi tghid dwar dan ix-xhud, hlief li ma kien xejn kredibbli fix-xhieda tieghu – kien riluttanti sabiex jixhed mill-bidu sal-ahhar tax-xhieda tieghu, filli ma ftakarx ghaliex kien issellef il-flus minghand l-imputat, izda f'daqqa wahda ftakar li kellu bzonn xi haga tal-flus biex jixtri mix-xatt fejn kien jahdem mal-imputat u in oltre il-Qorti, kif

[8] A fol. 59 *et seq* tal-process.
[9] A fol. 44 *et seq* tal-process.

diversament preseduta, gibditlu l-attenzjoni kemm il-darba li ma kinitx qeghda temmnu u anke zammitu ghal xi hin taht arrest.[10]

Iz-zewg persuni li nstabu fuq il-bejt flimkien mal-imputat, ossia Mario Borg u Josmar Borg, irrilaxxjaw stqarrija, liema stqarrija sussegwentement giet ikkonfermata minnhom bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti ai termini tal-Artikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fir-rigward ta' **Mario Borg**, dan irrilaxxja stqarrija fis-17 ta' April 1999, liema stqarrija giet sussegwentement ikkonfermata minnu bil-gurament, kif inghad, fl-istess jum. Fix-xhieda tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti[11], l-istess Borg jghid illi huwa jabbuza mid-droga eroina, li kien ilu jabbuza minn din id-droga madwar xahrejn jew tlett xhur, wara li kien ghamel zmien wieqaf. Jghid illi fil-jum ta' qabel, huwa kien qieghed ghand Ninu Borg, fuq il-bejt, gewwa r-residenza tieghu f'Haz Zebbug. Huwa mar hemm biex jaghmillu xi xoghol fil-gallinar, li dan kien qed jaghmlu bi pjacir u li l-hlas tieghu kien jikkonsisti fi droga. Ninu hallsu bid-droga xi darbtejn ghax ma tantx kien ilu jafu u li fil-jum ta' qabel, Ninu tah pakkett ghall-habta ta' nofsinhar. Minn meta beda jerga' jabbuza mid-droga, huwa kien jixtri l-izjed minn hdejn id-Detox, izda gieli xtara minghand Ninu wkoll – qal illi lil Ninu hallsu xi darbtejn tad-droga u li kien tah xi tlett pakketti b'xejn – b'kollox inqeda minghandu xi hames darbiet. Dawn il-pakketti kienu jkunu ta' Lm10 jew ta' Lm5 u li meta xtara minghandu, darba xtara pakkett ta' Lm10 u darba xtara pakkett ta' Lm5. Qal illi meta Ninu kien jaghtih id-droga, dan kien johrogha mill-but u li ghalhekk id-droga kien izommha fuqu. Ma kienx jaf li Ninu kien izomm id-droga fuq il-bejt. Dwar il-persuna l-ohra li kienet fuq il-bejt, ossia Josmar Borg, li x-xhud jirreferi ghalih bhala Jesmond l-ohxon, qal illi huwa kien jafu minn hemmhekk fis-sens illi kien rah xi darbtejn fuq il-bejt u kien mar jarah l-isptar ma' Ninu. Kien ilu jmur fuq

[10] A fol. 52 *et seq* tal-process.
[11] A fol. 9 sa 13 tal-process verbal li jinsab esebit a fol. 40 tal-process.

il-bejt ta' Ninu ghall-ahhar hmistax jew tlett gimghat biex jghinu fil-gallinar. Mistoqsi kif kien il-*packing* tal-qartas li kien tah Ninu fil-jum ta' qabel u ta' x'hiex kien, ix-xhud wiegeb "*Tal-karti u kien dawn il-bocci s-sofor*" u meta gie mistoqsi kienx qed jirreferi ghall-*Kinder*, huwa wiegeb fl-affermattiv. Ix-xhud ikkonferma wkoll l-istqarrija li kien irrilaxxja lill-pulizija dakinhar stess.

F'din l-istqarrija[12], b'zieda ma' dak li xehed quddiem il-Magistrat Inkwirenti, Borg qal illi fil-jum ta' qabel, huwa kien ilu ghand Ninu mit-tmienja jew it-tmienja u nofs ta' filghodu. Ftit qabel waslu l-pulizija mar wiehed ohxon – b'referenza ghal Josmar Borg – li kien ilu hemm xi kwarta. Dan tela' fuq il-bejt, qghad hdejh u qallu li kien mar ghal xi kelb. Qal illi huwa ma kienx jafu lill-ohxon, izda gieli rah xi darb'ohra u li kien mar jarah l-isptar ma' Ninu. Mistoqsi kif kien jaf li Ninu kellu l-eroina, huwa qal illi lil Ninu kien sar jafu hdejn il-*Labour Office*, f'Haz Zebbug, li dan kien qallu "*Jekk tkun trid xi haga ghandi*" u li hu kien qed jirreferi ghall-eroina. Mistoqsi x'kien gara fil-jum ta' qabel, huwa qal illi x'hin kien qieghed fuq il-bejt mal-ohxon, f'hin minnhom tela' Ninu qisu naqra mifxul u qalilhom li kien hemm il-pulizija. Dak il-hin, Ninu beda jirranga l-ghodda gol-bank u x'hin habbat il-bieb, Ninu qallu sabiex imur jiftah il-bieb. Sussegwentement, il-Pulizija ghamlu tfittxija fuq il-bejt, gewwa l-gallinar ma sabu xejn, izda meta ghamlu tfittxija fuq il-bejt tal-girien – cioe` post li qed jinbena hdejn il-blokka fejn joqghod Ninu – il-Pulizija sabu bocca tal-*plastic* tal-*Kinder* bil-qratas tal-eroina. Ix-xhud qal illi huwa gieli ra lil Ninu johrog din il-bocca tal-*plastic* mill-but jew kien johrog wahda bhala meta kien jaghtih l-eroina. Fir-rigward tal-pakkett eroina li tah Ninu fil-jum ta' qabel ghall-habta ta' nofsinhar, huwa qal li kien mar jehodha d-dar tieghu stess.

Fix-xhieda moghtija minnu matul dawn il-proceduri[13], Mario Borg ghall-ewwel jghid illi ma kienx cert jekk kienx gab il-pakkett eroina minghand l-imputat jew minghand l-ohxon – b'referenza ghal Josmar Borg – ghaliex l-imputat u l-ohxon kienu jkunu flimkien. Meta saritlu referenza ghall-istqarrija u li huwa kien qal li kien inqeda xi hames darbiet minghand l-imputat, huwa rega' qal illi kien qed

[12] A fol. 6 sa 8 tal-process.
[13] A fol. 65 *et seq* tal-process.

jigih dubju jekk kienx l-ohxon li kien jaqdih jew l-imputat, izda x'hin gie avzat mill-Qorti dwar il-konsegwenzi tal-ispergur, huwa kkonferma li kien xtara l-eroina minghand l-imputat u kkonferma wkoll il-kontenut tal-istqarrija li kienet giet rilaxxjata minnu. In kontro-ezami, ix-xhud qal illi wara dan l-incident, huwa ma baqax jarah lill-imputat u mistoqsi kienx cert li kien Ninu u mhux haddiehor, ix-xhud wiegeb li fuq il-bejt kien ikun hemm l-imputat u l-ohxon. Qal li ma kienx cert jekk l-affarijiet (b'referenza ghad-droga) kinux tal-ohxon, izda lilu kien jaghtihomlu l-imputat. Rega` kkonferma in kontro-ezami illi l-imputat kien tah l-eroina xi hames darbiet.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Skond l-Artikolu 638(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, f'kull kaz, ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar. L-Artikolu 637 imbaghad jiddisponi illi f'kwistjonijiet li jolqtu l-kredibilita` ta' xhud, ghandu jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa, jekk hix konsistenti u ta' fattizzi ohra tax-xhieda tieghu, jekk dik ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Gie imbaghad ritenut illi mhux kull kunflitt fil-provi jwassal necessarjament ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata, imma l-gudikant irid jara lil min ser jemmen u f'hiex ser jemmnu u ma jemmnux, tenut kont tal-kriterji kontenuti fl-Artikolu 637 appena imsemmija (Qorti tal-Appell Kriminali, **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**, deciza fid-9 ta' Lulju 2003).

In oltre skond l-Artikolu 30 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta persuna tkun xtrat jew xort'ohra kisbet jew akkwistat medicina bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza, ix-xhieda ta' dik il-persuna fi procedimenti kontra l-persuna li minghandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-medicina, m'ghandhiex ghalfejn tkun korroborata b'cirkostanzi ohra. Imbaghad skond l-Artikolu 30A tal-Kap. 101, minkejja d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 661 tal-Kap. 9, meta xi persuna

tkun involuta f'xi reat kontra dik l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni maghmula minn dik il-persuna u li tigi konfermata bil-gurament quddiem magistrat, tista tingieb bi prova kontra kull persuna ohra akkuzata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm il-darba jinstab li dik id-dikjarazzjoni tkun saret jew inghatat volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew biza', jew b'weghdiet jew twebbil ta' vantaggi.

Il-Qorti fliet bir-reqqa l-istqarrija guramentata u x-xhieda moghtija minn Mario Borg quddiem il-Magistrat Inkwirenti, kif ukoll ix-xhieda moghtija minnu quddiem din il-Qorti, kif diversament preseduta. Il-Qorti fil-fatt tqis illi l-istqarrija guramentata u x-xhieda moghtija minn Mario Borg quddiem il-Magistrat Inkwirenti, hija wahda kredibbli u attendibbli ghall-ahhar. Ghalkemm quddiem din il-Qorti ghall-ewwel deher riluttanti u qal illi ma kienx cert jekk l-oggetti, b'referenza ghad-droga eroina, kienx tahomlu l-imputat jew inkella l-ohxon, b'referenza ghal Josmar Borg, sussegwentement huwa jerga' jikkonferma l-istqarrija guramentata u jzid jghid li ma kienx cert jekk id-droga kinitx tal-ohxon jew tal-imputat, izda kien cert li kien l-imputat li kien jaghtih id-droga. Il-Qorti tinnota illi fl-istqarrija guramentata u fix-xhieda tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti, Mario Borg ma kellux dawn id-dubji u kien car u kategoriku meta qal illi l-imputat kien tah id-droga eroina f'xi hames okkazzjonijiet – xi tlett darbiet b'xejn sabiex ihallsu tax-xoghol li kien jaghmillu fil-gallinar u xi darbtejn ohra bi hlas. Jigi rilevat ukoll illi kif inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-26 ta' Mejju 2003, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Pierre Gravina**:

*"… meta l-prosekuzzjoni tkun trid taghmel uzu minn dikjarazzjoni guramentata mehuda skond l-imsemmi Artikolu 30A, ir-regola ghandha tkun li min ikun ghamel dik l-istqarrija ghandu jingieb fil-qorti biex l-imputat jew akkuzat ikun jista' jikkontro-ezaminah dwarha. S'intendi, dan ma jfissirx li jekk ix-xhud, meta jigi ezaminat jew kontro-ezaminat, ibiddel jew jirritratta minn dak li jkun qal fid-dikjarazzjoni guramentata, allura dik id-dikjarazzjoni (jew il-parti mibdula jew ritrattata) ma tkunx aktar tista' tittiehed bhala prova kontra l-akkuzat; il-gudikant jista' xorta wahda, wara li jkun sema' lix-xhud, jasal ghall-*

*konkluzzjoni li il-verita` hija dik kontenuta fl-istqarrija guramentata u mhux dak li jkun iddepona fil-qorti x-xhud."*

Fil-fatt kemm fl-istqarrija guramentata, kif ukoll fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, Mario Borg qal illi kien l-imputat li kien jaghtih id-droga eroina. Biss fir-rigward tad-dubju muri minnu matul dawn il-proceduri, fis-sens illi ma kienx cert jekk id-droga kinitx fil-fatt tal-ohxon jew tal-imputat, il-Qorti m'ghandhiex dubju illi l-verita` hija dik kontenuta fl-istqarrija guramentata u fix-xhieda li Mario Borg ta quddiem il-Magistrat Inkwirenti. F'dan ir-rigward jigi rilevat fl-ewwel lok illi jirrizulta mix-xhieda guramentata tieghu illi Borg bilkemm kien jafu lill-ohxon, tant illi huwa jghid li lill-ohxon ma kienx jafu, izda gieli rah xi darba jew darbtejn ohra, lanqas ma kien cert minn ismu, li kien mar jarah l-isptar mal-imputat fil-15 ta' April ossia jum qabel l-incident in kwistjoni u li dakinhar li ltaqa' mieghu fuq il-bejt tal-imputat, hu u l-ohxon tkellmu dwar il-klieb u l-isptar. Dwar id-droga huwa jsemmi biss lill-imputat, jghid illi huwa kien qed jaghmel xi xoghol ghall-imputat fil-gallinar – fatt li gie anke kkonfermat mill-istess imputat fl-istqarrija rilaxxjata minnu – u li ta' dan ix-xoghol l-imputat hallsu xi tlett darbiet bl-eroina u li f'zewg okkazzjonijiet ohrajn huwa kien xtara l-eroina minghandu – daqqa pakketti ta' Lm5 u daqqa ta' Lm10. Mhux biss izda jghid li kien ilu ghand l-imputat minn xi t-tmienja u nofs ta' filghodu – fatt li wkoll jikkonfermah l-imputat fl-istqarrija tieghu – u li l-ohxon kien wasal ghand l-imputat xi kwarta qabel waslu l-pulizija. Skond ix-xhieda tal-Ispettur Cuschieri, il-Pulizija marru ghand l-imputat xi s-6.00 p.m. Borg jghid ukoll illi l-imputat kien tah qartas eroina dakinhar stess ghall-habta ta' nofsinhar u ghalhekk ferm qabel il-hin li kien wasal l-ohxon ghand l-istess imputat. Mhux biss, izda Borg jghid ukoll illi l-imputat dejjem tah id-droga minn gewwa l-but u li ghalhekk kienet tkun fuq il-persuna tieghu. Ma qal imkien fix-xhieda guramentata tieghu li l-ohxon kien ikun prezenti meta l-imputat jaghtih id-droga jew li kien ra lill-ohxon jghaddi d-droga lill-imputat. In oltre relevanti wkoll illi Borg jghid illi huwa gieli ra lill-imputat johrog bocca tal-*plastic* tal-*Kinder* minn gewwa l-but bhal bocca tal-*plastic* bil-qratas li nstabet fuq il-bejt adjacenti, meta kien jaghtih l-eroina. Qal ukoll illi l-qartas li kien tah l-imputat kien tal-karti u rega' semma l-bocca tal-*kinder.*

Relevanti wkoll illi Borg stqarr illi waqt li huwa kien fuq il-bejt mal-ohxon, qabel waslu l-pulizija, Ninu tela' fuq il-bejt, deher imfixkel u qalilhom li kien hemm il-pulizija – li jikkorrobora wkoll dak li xehed PS 1186 Johann Micallef fis-sens illi x'hin waslu fir-residenza tal-imputat, il-pulizija nnutaw lill-imputat jittawwal minn fuq il-bejt. Dan juri kemm fil-fatt ma kienx minnu dak li stqarr l-imputat fl-istqarrija tieghu u cioe` illi kien fil-hin li l-pulizija habtu fuq il-bieb tal-bejt u fetah Mario, li huwa nduna li kienu gew il-pulizija.

Ghaldaqstant, a bazi biss tax-xhieda guramentata ta' Mario Borg, li wkoll ikkonferma quddiem din il-Qorti illi d-droga eroina kien jaghtihielu l-imputat, il-Qorti hija moralment konvinta illi l-imputat traffika d-droga eroina fiz-zmien indikat fl-imputazzjoni (a).

Fir-rigward tad-droga li nstabet fuq il-bejt adjacenti mal-bejt tal-imputat, fil-waqt li ma ngabet l-ebda prova diretta li torbot lill-imputat ma' din id-droga, il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi fl-ewwel lok, skond l-istqarrija guramentata ta' Mario Borg, il-fond adjacenti kien ghadu qed jinbena u ghalhekk dan il-fond ma kienx okkupat f'dak l-istadju u fit-tieni lok, illi ghalkemm skond l-imputat, il-bejt tal-blokk kien maqsum bejn is-sidien ta' tlett appartamenti fl-istess blokk, biss jidher li l-imputat kien iqatta' hin konsiderevoli fuq dan il-bejt. Mhux biss, izda Mario Borg xehed illi huwa gieli ra lill-imputat johrog mill-but bocca tal-*plastic* bhal bocca li nstabet fuq il-bejt imsemmi, meta kien jaghtih l-eroina. Naturalment l-imputat kellu l-eroina a disposizzjoni tieghu tant li apparti l-okkazzjonijiet precedenti li fihom forna lil Mario Borg, dakinhar stess kien ghadu kif ghadda qartas tal-eroina lil Borg, li wkoll kien tal-qarti u kien fil-bocci s-sofor tal-*Kinder,* u dan apparti l-fatt illi kif xehed Borg, l-imputat deher mifxul wara li kien induna li kien hemm il-pulizija u li anke sakkar il-bieb tal-bejt hekk kif induna bihom, tant li skond l-istess Borg, huwa kien ghadu kif tela' fuq il-bejt qabel waslu l-pulizija – dawn huma kollha cirkostanzi li jippuntaw lejn direzzjoni wahda u cioe` illi d-droga eroina li nstabet fuq il-bejt tal-fond adjacenti kienet fil-fatt tal-imputat. Relevanti wkoll illi mir-rapport tal-Ispizjar Mario Mifsud, jirrizulta illi fil-bocca tal-*plastic* safra, kien hemm ben sebgha u

ghoxrin qartas tal-karti bl-eroina b'pizijiet simili ghall-ahhar, b'uhud minnhom anke identici – evidentement dawn il-qratas kienu lesti sabiex jigu spaccati.

Imbaghad hemm ukoll il-fatt illi Antoine Abela instab diehel ghand l-imputat b'karta tal-Lm5 f'idejh, li skond hu kien ser jaghtiha lill-imputat ghaliex kien sellfu Lm5. Biss apparti li kif inghad dan ix-xhud ma kien xejn kredibbli fix-xhieda tieghu, il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi 'kumbinazzjoni' dan Abela wkoll kellu l-vizzju tad-droga u minkejja li dan jghid illi hu u l-imputat kienu jahdmu flimkien ix-xatt, l-istess imputat fl-istqarrija tieghu jghid illi la kien jaf lil Antoine Abela u qas li xi hadd minn Hal Qormi (kif kien Abela) kien jafu Lm5.

Imbaghad hemm ukoll ix-xhieda guramentata ta' Josmar Borg. Ghalkemm ghall-ewwel, fis-17 ta' April 1999, dan irrilaxxja stqarrija, fejn ma tax indikazzjoni minn fejn kien jixtri d-droga li kien jabbuza minnha, sussegwentement u minn jeddu huwa rega` avvicina lill-Pulizija[14] fid-19 ta' April 1999 u rrilaxxja stqarrija ohra fejn ikkorega l-ewwel stqarrija tieghu. Ukoll fid-19 ta' April 1999, huwa kkonferma bil-gurament l-ewwel stqarrija tieghu, kif korretta permezz tat-tieni stqarrija, quddiem il-Magistrat Inkwirenti.[15] Jirrizulta wkoll mill-atti illi l-istess Josmar Borg miet fl-1 ta' Mejju 1999[16] u ghalhekk naturalment ix-xhud ma ngabx fil-qorti sabiex jigi ezaminat *viva voce*.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Pierre Gravina**, citata izjed il'fuq, intqal hekk:

*"Issa, huwa principju generali li "…ix-xhieda ghandhom dejjem jigu ezaminati fil-Qorti u viva voce" (Artikolu 646(1), Kap. 9). Ghal din ir-regola, pero`, hemm certi eccezzjonijiet li jipprovdi ghalihom l-istess Artikolu 646 fis-subartikoli li jigu wara s-subartikolu (1). Hemm ukoll l-eccezzjoni tad-deposizzjoni mehuda in segwitu ghall-hrug ta' ittri rogatorjali bil-procedura traccjata fl-Artikolu 399*

[14] Ara xhieda tas-Supretendent Norbert Ciappara; a fol. 42 tal-process.
[15] Ara l-process verbal a fol. 39 tal-process.
[16] Ara certifikat mediku a fol. 145 tal-process.

*tal-Kodici Kriminali, procedura li giet ritenuta applikabbli anke ghal kawzi sommarji (ara Il-Pulizija v. Angelo Grima App. Krim. 18 ta' Ottubru, 1952), u li fil-prattika giet ukoll applikata mill-Qorti Kriminali f'xi kazijiet wara l-hrug tal-att ta' akkuza. U hemm l-eccezzjoni ta' meta xhud jinstema' f'daru minhabba mard jew xjuhija (Art. 647, Kap. 9). Jigi osservat li anke fil-kaz ta' xhieda permezz ta' rogatorji u ta' xhieda li jinstemghu f'darhom, l-imputat jew akkuzat ghandu dejjem il-jedd li jkun presenti waqt is-smigh tax-xhud jew li jahtar rappresentant tieghu ghal waqt tali smigh – Art. 647(3) u 399(2). L-ewwel sentenza tal-Artikolu 30A tal-Kap. 101 taghmilha cara li dak l-Artikolu qed jipprovdi ukoll eccezzjoni, pero` mhux eccezzjoni ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 646(1) tal-Kodici Kriminali izda ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 661[17] ta' l-istess Kodici. Minn dan isegwi, li anke meta l-prosekuzzjoni tkun trid taghmel uzu minn dikjarazzjoni guramentata mehuda skond l-imsemmi Artikolu 30A, ir-regola ghandha tkun li min ikun ghamel dik l-istqarrija ghandu jingieb fil-qorti biex l-imputat jew akkuzat ikun jista' jikkontroezaminah dwarha. … bhala regola, min ikun ghamel tali stqarrija guramentata ghandu jingieb il-qorti ghall-fini ta' kontroll da parti tal-akkuzat jew imputat …*

*Fil-kaz in dizamina Mentosa la gie prodott mill-prosekuzzjoni fil-qorti peress li kien telaq minn Malta definittivament, u anqas ittiehdet id-deposizzjoni tieghu permezz tal-procedura tar-rogatorji. L-ewwel qorti, ghalhekk, kellha tiskarta l-istqarrija guramentata tieghu u mhux, kif effettivament ghamlet, tistrieh in parti fuqha. Sfortunatament il-ligi ma tipprovdix ghal dak li jista' jsir f'kaz bhal dak in ezami meta l-persuna li tkun ghamlet l-istqarrija guramentata skond l-Artikolu 30A tmut, jew ma tkunx tista' tinstab, jew ma jkunx ragonevolment prattikabbli li tinstema' permezz ta' rogatorji.*"

Madankollu, f'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet hekk:

[17] L-Artikolu 661 tal-Kap. 9 jghid hekk: "Konfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmilha, u mhix ta' pregudizzju ghal ebda persuna ohra."

*"Ghal kull buon fini l-Qorti tosserva li l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea ma teskludix l-ammissibilita` ta' stqarrijiet maghmula minn persuni li in segwitu qatt ma jingiebu bhala xhieda fil-process. Dak li dik il-Qorti tara biex tiddetermina jekk kienx hemm jew le smiegh xieraq hu jekk dawk l-istqarrijiet kienux l-unika prova kontra l-akkuzat, jew kinux altrimenti prova determinanti biex huwa jinstab hati."*[18] [sottolinear ta' din il-Qorti]

Issa minkejja li l-Artikolu 30A tal-Kap. 101 ma jipprovdix dwar is-sitwazzjoni in ezami, kif inghad fis-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-8 ta' April 2010, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Matthew-John Migneco**:

*"S'intendi, dana l-Artikolu 30A tal-Kap. 101 irid dejjem jinqara fid-dawl tad-disposizzjonijiet generali tal-Kodici Kriminali (eccetwat l-Artikolu 661 tal-istess Kodici, li ghalih l-Artikolu 30A jaghmel deroga espressa). Issa, l-Artikolu 549(4) (u ma jistax ikun hemm dubju li l-intervent ta' Magistrat taht is-subartikoli (12) u (13) tal-Art. 24A tal-Kap. 101 hija forma ta' inkjesta dwar l-in genere b'modalitajiet kemm xejn differenti mehtiega ghall-finijiet tal-istess Kap. 101) u 646(2) tal-Kap. 9 huma cari fil-portata taghhom: id-deposizzjoni regolarment moghtija fl-inkjesta dwar l-in genere … tista' tingieb bhala prova, u mhux*

[18] F'dan il-kuntest, il-Qorti ghamlet referenza ghal Ben Emmerson u Andrew Ashworth Human Rights and Criminal Justice Sweet & Maxwell (London) 2001: "*What appears from these and other decisions is a complex mixture of at least three major factors. First, the Court's chief concern is the fairness of the trial as a whole: the defendant's right to "confront" or cross-examine every prosecution witness is important, but not absolute. Or, to express the point differently, reliance on pre-trial witness statements is not contrary to the Convention, so long as the rights of the defence are respected. Secondly, the Court's judgment on overall fairness is much affected by the significance of the written or reported statements for the prosecution case: it is fairly clear that a trial would be unfair if the conviction rested "solely or mainly" on the disputed statement, but in some decisions the test is expressed in terms more favourable to the defence. Thus in Ludi v. Switzerland the Court thought it sufficient to render the trial unfair that the written evidence had "played a part" in the conviction. However this may be explained by the third factor: that the Court has regard to the practical possibility of according greater recognition to defence rights than was done at the trial. In other words, there are some cases where the impracticability of producing the witness at the trial might lead the Court to adopt a more flexible approach to Article 6(3)(d) (as, for example, in Artner v. Austria, where the witness had gone missing and was untraceable; or in Asch v. Austria, where the witness exercised her right not to testify). But the national court should always look for alternative safeguards. As the Court put it in Van Mechelen v. Netherlands, "any measures restricting the rights of the defence should be strictly necessary. If a less restrictive measure can suffice then that measure should be applied*"." (para. 15-114, 15-115, pagna 465).

*sempliciment ghall-finijiet ta' kontroll, basta, pero`, li x-xhud jingieb ukoll fil-qorti biex jigi ezaminat viva voce … hlief jekk ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinstab… (ara l-proviso tas-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 646)."*

Tenut kont tal-eccezzjoni maghmula mill-Artikolu 646(2) tal-Kap. 9 dwar il-kaz meta xhud ikun mejjet, bhal ma hu l-kaz in ezami, tenut kont ukoll tal-fatt illi l-istqarrija guramentata ta' Josmar Borg zgur illi m'hijiex l-unika prova kontra l-imputat bhalma lanqas ma hija prova determinanti f'dawn il-proceduri sabiex huwa jinstab hati u dan ghaliex, kif inghad, il-Qorti, anke minghajr din ix-xhieda, diga` tqis illi l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-ewwel imputazzjoni lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, izda semmai l-istqarrija guramentata tal-istess Josmar Borg tkompli biss tikkorrobora dak li xehed Mario Borg, il-Qorti qed tqis din l-istqarrija bhala prova ammissibbli.

Ghalkemm fl-ewwel stqarrija rilaxxjata minnu[19], **Josmar Borg** ma jsemmix minghand min kien jixtri l-eroina u jichad li l-imputat kien qatt offrielu droga jew li qatt qallu li kellu l-eroina, fit-tieni stqarrija tieghu[20], huwa jghid illi huwa gieli xtara l-eroina minghand l-imputat, li kien ilu jafu minn Novembru 1998 u li kienu saru hbieb, u li f'Jannar tas-sena 1999, huwa nduna li Ninu kien ikollu l-eroina ghaliex ghandu beda jara nies li kien jafhom id-*Detox*. Wara li x-xhud kien staqsieh jekk ibieghx l-eroina, l-imputat qallu li seta' jgiblu u minn dakinhar baqa' jixtri minghandu regolarment – xi tlett darbiet f'gimgha. Ghall-ewwel kien jixtri pakketti ta' Lm10 u wara Ninu beda jitolbu Lm5 ta' pakkett – kien qal lix-xhud li kien izjed facli li tbiegh bil-Lm5, milli bl-Lm10. Huwa ma kienx jaf fejn kien izomm l-eroina, izda meta kien jinqeda minghandu, gieli kellu l-eroina fuqu f'xi bicca *foil* u gieli kienet tkun go bocca tal-*plastic* tal-*Kinder* bhal dik li nstabet fuq il-bejt. Il-qratas li kien jaghtih Ninu kienu jkunu maghmulin minn karti ta' pitazz.

19 A fol. 7 sa 9 tal-process verbal li jinsab a fol. 39 tal-process.
20 A fol. 10 u 11 tal-process verbal.

Din il-Qorti m'ghandha xejn izjed x'izzid dwar din l-istqarrija guramentata, hlief li din tkompli tikkorrobora bis-shih ix-xhieda guramentata ta' Mario Borg.

Ghaldaqstant, qed issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni.

b) *Pussess ta' droga eroina f'cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu – fis-16 ta' April 1999 u matul l-ahhar erba' xhur ta' qabel din id-data*

La darba l-imputat qed jinstab hati ta' traffikar tad-droga eroina, isegwi necessarjament illi l-imputat kien fil-pussess tal-istess droga meta din ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu. In oltre kif inghad izjed il'fuq, mir-rizultanti provi kemm diretti, kif ukoll indizjarji, il-Qorti waslet sal-konvinciment morali illi d-droga eroina misjuba fuq il-bejt tal-fond adjacenti, kienet fil-fatt tal-imputat. Ic-cirkostanzi li fihom instabet din id-droga ossia l-fatt li l-imputat kien jitraffika d-droga eroina u li ma jirrizultax mill-atti, lanqas sal-grad tal-probabbli, illi huwa kien jabbuza minn din id-droga, il-mod kif id-droga kienet maqsuma, in-numru ta' qratas li nstabu, kif ukoll l-ammont ta' droga involuta, huma lkoll tali illi juru lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, illi l-eroina in kwistjoni la kienet ghall-uzu u wisq inqas ghall-uzu esklussiv tal-imputat.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat fil-grad rikjest mil-ligi.

c) *Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina fis-17 ta' Frar 2002 u matul l-ahhar erba' snin ta' qabel din id-data:*

Illi fir-rigward ta' din l-imputazzjoni li kienet tirrigwarda investigazzjoni separata mill-pulizija, **l-Assistent Kummissarju Neil Harrison** xehed illi fis-17 ta' Frar 2002, wara informazzjoni li kien ircieva dwar l-imputat, huwa kien baghat lil PS 579 u lil PC 10 sabiex jaghmlu sorveljanza fuq ir-residenza tieghu gewwa

Haz-Zebbug. Huwa xehed dwar dak li gie rrappurtat lilu, dwar kif huwa investiga lil Charlo Sammut, Philip Agius u John Bugeja in konnessjoni mal-imputat u dwar dak li rrizultalu minn tali investigazzjoni.[21] **PC 10 Trevor Cassar Mallia** xehed illi fis-17 ta’ Frar 2002, filghodu, kienu qeghdin josservaw ir-residenza tal-imputat. Mill-blokka tal-appartamenti, fejn kien jirrisjedi l-imputat, hin minnhom hareg Charlot Sammut, gie mwaqqaf u f’idejh kellu Lm10. Huwa gie arrestat ghall-izjed investigazzjoni.[22] Xehed ukoll **PS 579 Antoine Micallef** li kkonferma x-xhieda tal-kollega tieghu.[23]

**Charlot Sammut** xehed tlett darbiet f’dawn il-proceduri. Fl-ewwel okkazzjoni[24], huwa qal illi meta l-Ispettur Harrison staqsieh x’kien mar jaghmel ghand l-imputat, ghall-ewwel huwa kien wiegeb illi kien mar ghandu ghax irabbu l-hamiem, izda mbaghad biex ma jehilx habs u ghaliex beda jibza’, huwa kien qallu li kien mar biex jixtri l-eroina. Qal illi dakinhar ma xtarax eroina u li kien wehel sitt xhur habs.[25] Fit-tieni okkazzjoni[26], Sammut qal illi huwa qatt ma kellu x’jaqsam mal-imputat fejn tidhol droga u li dakinhar kien mar ghandu ghax kienu dilettanti tal-hamiem u li l-imputat kellu gallinar tal-hamiem fuq il-bejt. Qal li beda jibza’, bdew jghidulu li ha jitfghuh il-habs u ghalhekk ivvinta storja. Ma kienx jaf ezatt x’kienet din l-istorja li vvinta, izda qal li forsi qalilhom li kien xtara d-droga minghand l-imputat. Wara qal illi kien qal lill-pulizija li darba xtara pakkett minghand l-imputat, izda qal dan ghax kien imbezza’. Qal li qatt ma xtara droga minghand l-imputat. Fit-tielet okkazzjoni[27], l-istess Sammut ikkonferma li fiz-zmien li kien investigah l-Ispettur Harrison, huwa kien indika lill-persuna li kien jixtri d-droga minghandha bhala l-imputat u li kien qallu li kien imur ghandu biex jixtri l-eroina u li kien qallu li kien ihallas xi Lm10. Qal li kien imur hemm minhabba l-hamiem u rega’ rrepeta li kien qal hekk ghaliex beza’ stante illi gie mhedded mill-pulizija li kienu ser jitfugh il-habs. Wara qal li ma kienx hemm theddid. Qal illi fil-proceduri li ttiehdu kontrih, huwa kien ammetta li kien jiehu d-droga eroina. Rega’ qal illi lill-pulizija kien

[21] A fol. 103 sa 107 tal-process.
[22] A fol. 128 *et seq* tal-process.
[23] A fol. 130 *et seq* tal-process.
[24] Seduta tas-17 ta’ Mejju 2010; a fol. 75 *et seq* tal-process.
[25] L-Assistant Kummissarju Neil Harrison xehed illi l-imputat kien gie akkuzat b’pussess ta’ droga u wehel xi sitt xhur habs (a fol. 106 tal-process)
[26] A fol. 87 sa 98 tal-process.
[27] A fol. 108 *et seq* tal-process.

qalilhom li xtara darba minghand l-imputat u li kien hallas Lm5 jew Lm10, izda rega’ nnega li kien xtara. Madankollu sussegwentement qal illi verament kien xtara darba minghand l-imputat. Qal illi l-verita` kienet dak li kien qal lis-Sur Harrison u cioe` li kien xtara minghand l-imputat f’okkazzjoni wahda.

**Philip Agius** xehed illi lil Charlo Sammut kien jafu minn Haz-Zebbug u anke lill-imputat kien jafu bhala gar tieghu. Qal li qatt ma mar ghand l-imputat, ma kienx jiftakar li kien kellmu l-Ispettur Harrison ghax kellu hafna kazijiet mal-pulizija u lanqas ma kien jiftakar li kien twaqqaf ma’ Charlo Sammut fis-17 ta’ Frar 2002. Lanqas ma kien jiftakar li kienu gew investigati fuq droga, ghax kien ghadda hafna zmien.[28]

**John Bugeja** xehed illi ma kienx jaf jekk l-Ispettur Harrison kienx kellmu fi Frar tas-sena 2002, li lil Charlo Sammut u lil Philip Agius ma jafhomx, li lill-imputat kien jafu minn Hal-Qormi u li qabel kien joqghod Haz-Zebbug go blokka appartamenti, li kien imur ghandu u kien ikun mieghu, li dak iz-zmien huwa kellu l-vizzju tad-droga, li minghand min kien jixtri d-droga hu llum mejjet, li hu qatt ma xtara droga minghand l-imputat, izda gieli kienu jkunu flimkien meta kienu jiehdu d-droga ghaliex skond hu, l-imputat kellu l-vizzju tal-alkohol u tad-droga. Qal illi jista’ jkun li dak iz-zmien, peress illi kellu l-vizzju tad-droga, huwa kien qal xi kelma zejda biex jitlaq il-barra u jerga’ jmur jiehu d-droga.[29]

**Ikkunsidrat:**

Illi din l-imputazzjoni tkopri wkoll iz-zmien kopert bl-ewwel imputazzjoni li dwarha l-imputat qed jinstab hati. Biss kif jispjega l-Assistent Kummissarju Neil Harrison, il-pulizija kienet sussegwentement fethet investigazzjoni ohra, bir-rizultat illi l-informazzjoni miksuba mill-Assistent Kummissarju Harrison waqt

[28] A fol. 132 *et seq* tal-process.
[29] A fol. 135 sa 140 tal-process.

dik l-investigazzjoni giet mghoddija minnu lill-Ufficjal Investigatur fl-ewwel kaz sabiex jixli lill-imputat permezz tal-istess proceduri odjerni.

Fir-rigward ta' din l-investigazzjoni, jirrizulta illi fis-17 ta' Frar 2002, Charlo Sammut gie osservat hiereg mill-blokk tal-appartamenti fejn kien jirrisjedi l-imputat b'ghaxar Liri f'idejh. L-investigazzjoni, imbaghad, strahet fuq dak li rrizulta mill-interrogazzjoni tal-istess Sammut, Philip Agius u John Bugeja.

Illi fir-rigward tax-xhieda ta' Philip Agius u John Bugeja, din il-Qorti ma tantx ghandha xi tghid hlief li 'kumbinazzjoni' it-tnejn li huma ma ftakru xejn dwar il-fatt li kienu gew investigati mill-imsemmi Assistent Kummissarju u li in vista ta' dak li xehed l-istess Assistent Kummissarju, ix-xhieda taghhom m'hijiex kredibbli.

Issa fir-rigward tax-xhieda ta' Charlo Sammut f'dawn il-proceduri, dan ix-xhud ghall-ewwel jinsisti illi huwa qatt ma xtara eroina minghand l-imputat, illi huwa kien imur ghand l-imputat biss ghaliex kien dilettant tal-hamiem u illi meta waqt l-investigazzjoni, huwa kien qal illi huwa kien xtara l-eroina minghand l-imputat, huwa qal dan ghaliex kien imbezza'. Biss fit-tielet okkazzjoni li huwa xehed, Sammut qal illi fil-verita` huwa kien xtara l-eroina minghand l-imputat f'okkazzjoni wahda.

Dwar dan il-Qorti ma tistax ma tinnutax kemm ma kien xejn kredibbli dan ix-xhud meta qal illi huwa kien stqarr li xtara l-eroina minghand l-imputat ghaliex kien imbezza' tant illi fl-okkazzjonijiet li fihom xehed, kemm il-darba gie mwissi mill-Qorti, kif diversament preseduta, sabiex jghid il-verita`. Waqt l-ewwel xhieda tieghu, il-Qorti sahansitra rrimarkat li kienet qeghda tara kif kien qed igib ruhu dan ix-xhud fuq il-pedana tax-xhieda u li kienet ser izzommu taht arrest[30] u fit-tielet okkazzjoni li xehed, l-Ufficjal Prosekutur irrimarka illi x-xhud kien qed ihares lejn l-imputat u jghid 'le' ghall-mistoqsija jekk kienx xtara l-

[30] A fol. 77 tal-process.

eroina minghand l-imputat[31] (ghal liema rimarka d-difiza ma oggezzjonatx) u anke l-Qorti f'din l-okkazzjoni wissietu li ma riditux ihares fuq wara.[32] Dwar l-istorja tieghu imbaghad illi huwa kien originarjament qal li qal ghaliex kien beza', din il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi l-imputat filli jghid li gie mhedded mill-pulizija, imbaghad jghid li ma kienx mhedded, izda li sempliciment qalulu hekk u f'punt iehor jghid li "*bdew la Maltija qaluli qishom ha nitfghuk il-habs*"[33]. F'punt minnhom jghid li ghalhekk ivvinta storja, izda jghid li ma kienx jaf x'ivvinta ezattament, fil-waqt li fl-istess nifs jghid ukoll li kien qal li darba xtara pakkett minghand l-imputat. Fl-ahhar tat-tielet xhieda tieghu, wara li l-Qorti wissietu fuq li wissietu li kienet ser tarrestah jekk kien ser ikompli jhawwad fix-xhieda tieghu, huwa qal illi kien hemm okkazzjoni wahda fejn kien xtara l-eroina minghand l-imputat, f'liema okkazzjoni kien hallas xi Lm5, ghalkemm ma kienx cert dwar kemm kien hallas.

A bazi ta' dan kollu u wara li x-xhud stess qal illi dak iz-zmien huwa kien ammetta kemm mal-pulizija, kif ukoll quddiem il-Qorti matul il-proceduri tieghu, li kien jabbuza mid-droga eroina tant illi anke wehel sitt xhur habs, il-Qorti temmen illi l-ewwel parti tax-xhieda ta' Sammut ma hija xejn veritiera u li kien qieghed ihossu, mill-inqas skomdu - biex il-Qorti ma tuzax kelma ohra - li kien qieghed jixhed fil-presenza tal-imputat. Il-Qorti temmen illi fil-fatt kien minnu illi x-xhud kien xtara d-droga eroina minghand l-imputat, kif qal fit-tielet okkazzjoni li huwa xehed fiha.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Victor Gauci**, deciza fis-26 ta' Jannar 2001, fejn inghad hekk:

"*Kif dejjem gie ritenut, in linea generali, bl-eccezzjoni ta' xi reati partikolari, meta tigi esebita stqarrija ta' xi xhud, bhal ma gara fil-kaz in ezami, dak li hemm f'dik l-istqarrija qatt ma ghandu valur probatorju izda jintuza biss ghall-*

[31] A fol. 113 tal-process.
[32] A fol. 114 tal-process.
[33] A fol. 91 tal-process.

*fini tal-kontroll ta’ dak ix-xhud sabiex il-Qorti tkun tista’ tiddeciedi jekk dak ix-xhud hux kredibbli jew le f’dak li jkun qed jixhed quddiemha waqt il-proceduri u fil-presenza ta’ l-akkuzat. Jekk il-Qorti tasal sabiex ma temminx dak li x-xhud ikun qed jghid quddiemha, ma ghandhiex, b’daqshekk, tissostitwixxi dik ix-xhieda guramentata b’dak li x-xhud ikun qal fl-istqarrija tieghu mhux guramentata. Dik l-istqarrija tintuza biss, kif intqal, sabiex tigi kkontrollata l-kredibilita` tax-xhud, sabiex il-Qorti tara jekk dak li qed jixhed hux veritier jew le.”*

U dan huwa proprju dak li qeghda taghmel din il-Qorti fil-kaz odjern. Ghalkemm f’dawn il-proceduri ma gietx esebita l-istqarrija rilaxxjata minn Sammut, l-Assistent Kummissarju spjega fid-dettal dak li kien qallu l-istess Sammut waqt l-interrogatorju tieghu. Minn dak li xehed dwaru l-istess Assistent Kummissarju u tenut kont tal-konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti dwar ix-xhieda ta’ Sammut, izjed il’fuq, il-Qorti m’ghandha l-ebda dubju illi x-xhieda ta’ Sammut f’dawn il-proceduri, fejn huwa qal illi huwa kien indika li xtara l-eroina minghand l-imputat ghaliex kien beza’ u li kien mar ghandu minhabba l-hamiem, bhala mhux kredibbli u inveritiera ghall-ahhar, izda minghajr ma qeghda bl-ebda mod tissostitwixxi din ix-xhieda guramentata ma’ dak li stqarr l-istess xhud mal-Assistent Kummissarju minghajr gurament, qeghda a bazi ta’ dan kollu temmen dik il-parti tax-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, fejn huwa qal li kien xtara d-droga eroina minghand l-imputat.

Ghaldaqstant ghalkemm ma jirrizultax illi x-xhud Sammut kien xtara l-eroina minghand l-imputat fis-17 ta’ Frar 2002, meta gie osservat johrog mill-blokk tal-appartamenti li fiha kien jirrisjedi l-imputat, jirrizulta car u lil hinn minn kull dubju ragjonevoli illi l-istess Sammut kien xtara din id-droga qabel din id-data u f’xi okkazzjoni matul l-erba’ snin ta’ qabel.

Ghalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat hati wkoll tat-tielet imputazzjoni.

**<u>Konsiderazzjonijiet Dwar Piena</u>**

Illi ghal fini ta’ piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni illi l-imputazzjoni (b) hija assorbita fl-imputazzjoni (a) ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, stante li din serviet bhala mezz ghall-fini sabiex seta’ jigi kommess ir-reat ta’ traffikar ta’ droga eroina, ikkontemplat fl-imputazzjoni (a).

Qieset ukoll illi l-imputazzjoni (a) hija koperta bhala zmien fl-imputazzjoni (c) u ghaldaqstant fil-waqt illi l-Qorti ghar-ragunijiet fuq moghtija sabet lill-imputat hati taz-zewg imputazzjonijiet, qeghda tinfliggi biss piena wahda ghalihom.

Qieset ukoll ghal fini ta’ piena illi l-imputat instab fil-pussess ta’ sebgha u ghoxrin qartas eroina u borza tal-*plastic* li wkoll kienet tikkontjeni l-eroina u li l-piz totali tat-trab misjub kien ta’ 1.98 grammi. Qieset ukoll illi l-imputat prokura l-eroina lix-xhieda Mario Borg u Josmar Borg diversi drabi, apparti li prokura wkoll l-istess droga lil Charlo Sammut.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll il-fedina penali aggornata tal-imputat.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939 u l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, b’dan illi kif inghad izjed il’fuq, qed tinghata piena wahda ghall-imputazzjonijiet (a) u (c), u qeghda

tikkundannah ghall-piena ta’ **tlett (3) snin prigunerija effettiva** – li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni biss mar-reati li hawn instab hati taghhom - u **multa ta’ elfejn u hames mitt Euro** (**€2,500)**, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ mitejn Euro (€200.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b’din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

Il-Qorti mhijiex qeghda tikkundanna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan stante illi l-espert forensiku, l-Ispizjar Mario Mifsud, kien gie nominat fl-inkjesta relevanti ghal dan il-kaz u r-reati in kwistjoni sehhew qabel id-dhul fis-sehh tal-Att XIII tal-2005, li emenda l-imsemmi artikolu billi fost ohrajn gew inkluzi wkoll l-ispejjez konnessi mal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga, li tifforma parti mill-process verbal esebit a fol. 40 tal-process, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------